# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ________________________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.



# Dak kunċert!

Iż-ŻĦN (Żgħażagħ Ħaddiema Nsara) hi għaqda li taħdem bit-talenti taż-żgħażagħ biex tagħtihom ċans jikbru f'ħajjithom u fl-istess ħin tagħtihom l-opportunita` li jaħdmu għal aktar ġustizzja fis-soċjeta`. Iż-ŻĦN torganizza diversi proġetti matul is-sena kollha, fosthom ħidma qalb nies fis-soċjeta` li jenħtieġu l-għajnuna, organizzazzjoni ta' konferenzi b'temi soċjali, volontarjat kif ukoll diversi kunċerti. *(par. 1)*

Għal darba oħra, iż-ŻĦN ser terġa' twasslilkom il-kunċert *Strummin' Home*. F'dan il-kunċert jinġabru fondi b'riżq il-ħidma li ssir mill-*Fondazzjoni Suret il-Bniedem*. Din il-fondazzjoni tgħin persuni li jsibu ruħhom bla dar billi turihom kif jerġgħu jibnu ħajja indipendenti bbażata fuq id-dinjita`. *(par. 2)*

L-għan ewlieni tal-kunċert hu li jinkoraġġixxi ħafna żgħażagħ li għandhom talenti fil-mużika u l-kant biex jużaw u jkabbru l-potenzjal li għandhom waqt li jkabbru kuxjenza dwar ir-realtajiet soċjali li jeżistu f'pajjiżna. Il-kunċert jinvolvi grupp sabiħ ta' kitarristi. Jinvolvi wkoll *Symphonik* (banda u kor). Dawn ta' l-aħħar ilhom sena mwaqqfin u taw sehemhom f'diversi okkażjonijiet. *(par. 3)*

Il-parteċipanti, li ħafna minnhom huma studenti, iqattgħu s-sajf fil-kwartieri ġenerali taż-ŻĦN iħejju għal dan il-kunċert. Fi kliemhom stess, il-kunċert hu opportunita` unika biex ikabbru t-talenti tagħhom f'ambjent ta' entużjażmu u enerġija pożittiva, hu ċans biex ikabbru ċ-ċirku ta' ħbieb kif ukoll esperjenza li tagħtihom mod kif jaħdmu favur il-ġustizzja soċjali. *(par. 4)*

Matul is-snin il-livell tal-kunċert għola ġmielu. Ħafna jiddeskrivu *Strummin' Home* bħala ħarġa għall-familja, oħrajn bħala lejla li turi t-talent mużikali f'Malta, waqt li oħrajn jarawh bħala divertiment għal kawża ġusta. Fuq kollox, l-udjenza dejjem ħarġet sodisfatta mis-sala minħabba l-fatt li l-għażla ta' mużika u diski popolari li joffri dan il-kunċert żgur li tolqot il-gosti ta' kulħadd. *(par. 5)*

(Addattament minn kitba li dehret fil-Gwida Nru.35, ta' Awissu / Settembru 2007)

| A. FEHIM IT-TEST | (10 marki) |
|---|---|

1. Liema minn dawn jista' jkun ukoll titlu addattat ħafna għas-silta? Agħmel sinjal taħtu.

Iż-ŻĦN; Il-kunċert *Strummin' Home*; It-talenti fiż-żgħażagħ. (marka)

2. Liema huma ż-żewġ raġunijiet li għalihom taħdem iż-ŻĦN?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2 marki)

3. X'ser terġa' torganizza għal darba oħra ż-ŻĦN u għaliex?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2 marki)

4. Lil min se jinkludi l-kunċert *Strummin' Home*?

____________________________________________________________ (marka)

5. Il-parteċipanti jsemmu xi affarijiet pożittivi dwar il-kunċert. Ikteb waħda minnhom.

____________________________________________________________ (marka)

6. Taħseb li l-kunċert sal-lum il-ġurnata kien suċċess? Xi jġagħlek taħseb hekk?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(3 marki)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA

1. Imla l-vojt skond kif mitlub fit-tieni kolonna: (3 marki)

| | |
|---|---|
| *i.* | Id-diminuttiv ta' *dar (par.2)* |
| *ii.* | Nom verbali minn *jkabbru (par.3)* |
| *iii.* | Nom denominattiv minn *mużika (par. 5)* |

2. Flok xiex qiegħed l-apostrofu fil-kelma *terġa' (par. 2)*?____________________________ (marka)

3. Sib mis-silta kif mitlub:

*i.* nom verbali waħdieni mit-tieni paragrafu : ___________________

*ii.* stat kostrutt mit-tieni paragrafu : ___________________

*iii.* nom determinat mir-raba' paragrafu : ___________________ (3 marki)

LESSIKU / VOKABULARJU

4. Sib mis-silta l-kelma li tfisser:

*i. primarju (par. 3)* : ____________________ *ii. ħila (par. 3)* : ____________________

*iii. bini (par. 4)* : ____________________ (3 marki)

5. Agħti kelma bl-istess tifsira flok:

*i. diversi (par. 1)* : ____________________ *ii. għan (par. 3)* : ____________________

*iii. ġusta (par. 5)* : ____________________ (3 marki)

ANALIŻI TESTWALI

6. *Matul is-snin il-livell tal-kunċert għola ġmielu … (par. 5).* Il-kliem b'sinjal taħtu jfisser:

(a) għola ftit ____ ; (b) għola ħafna ____ ; (ċ) baqa' l-istess ____ . (marka)

7. *… l-udjenza dejjem ħarġet sodisfatta mis-sala …(par. 5)*

Liema kelma turi ċertezza? ______________________________ (marka)

SINTASSI

8. Liema kelma minn din is-sentenza tista' titħalla barra u fl-istess waqt ma titbiddilx it-tifsira?

*Għal darba oħra, iż-ŻĦN ser terġa' twasslilkom il-kunċert … (par. 2)* ___________________ (marka)

9. *Il-parteċipanti jqattgħu s-sajf fil-kwartieri ġenerali taż-ŻĦN iħejju għall-kunċert. Fi kliemhom stess, il-kunċert hu opportunita` unika biex ikabbru t-talenti tagħhom.*

Liema sentenza ma tistax tgħaddi mingħajr l-oħra, l-ewwel jew it-tieni? ________________________

(marka)

10. Ikteb din is-sentenza mod ieħor bla ma tbiddel it-tifsira tagħha:
*Matul is-snin il-livell tal-kunċert għola ġmielu, kemm bħala kwalita` kif ukoll bħala rispons mill-pubbliku.*

Kemm__________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3 marki)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

1. Fisser l-idjoma miktuba bil-korsiv:

Kien ilu s-snin jipprova jġib xi fondi mill-Ewropa ħalli jwettaq proġett b'risq l-emarġinati fis-soċjeta`. Imma issa *tar l-għasfur*.

______________________________________________________________________ (2 marki)

2. Kompli b'qawl xieraq mit-taqsima *Kastig u Rikumpens*:

Kemm dam imaqdar il-kunċert tas-Soċjeta` Filarmonika tal-Qamar! Issa s-Soċjeta` Filarmonika tax-Xemx, li tagħha hu s-segretarju, waqgħet għaċ-ċajt. Kif jgħidu, ______________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

## D. MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Dan is-sajf ser isir kunċert fil-belt/raħal fejn toqgħod. L-għan ta' dan il-kunċert hu li jinġabru l-fondi meħtieġa ħalli jinbena ċentru għar-refuġjati. Ikteb avviż għal dan il-kunċert.

***Jew***

b. Iddeskrivi l-aħħar ktieb li qrajt jew l-aħħar film li rajt.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)

F'madwar 50 kelma, ikteb dwar suġġett mill-proġett *Idea ta' Lingwa*.

**F. LETTERATURA** (30 marka)

(i) STEJJER GĦAL QABEL JIDLAM (6 marki)

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba

1. It-tifel tal-baħar kien jismu (Ġanni, Andre`, Bertu).
2. Dan it-tifel kien jaqla' sold billi jgħin (lil ommu, lill-barklori, lill-kappillan).
3. (Il-flus, Ommu u ħutu, Il-ħbieb) kienu kollox għalih.
4. Darba, Oskar marritlu l-ħajra kollha għall-(kotba, films, ikel).
5. "Xi darba mmur fuq il-(qamar, muntanji, kampnar)", qal lilu nnifsu Oskar.
6. F'ħin minnhom jibda jiddjaloga max-(xemx, xadina, xita).

(ii) STEJJER TAĊ-ĊARRUT (6 marki)

Wieġeb a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Għaliex taħseb li t-tifla f' *Ikteb poeżija* sabitha bi tqila biex tikteb poeżija?

***Jew***

b. Karmena (*Il-Kollox b'xejn Supplies*) saret skjava tal-konsumeriżmu. Ikkummenta.

(iii) JINQABAD BID-DROGA (6 marki)

Wieġeb a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Għaliex Helen kienet tgħix bl-imħabba tal-biċċiet?

***Jew***

b. *U issa miet Simon ukoll*… X'riedet tgħid Tonina b'dan il-kliem?

(iv) NADRIET 3

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

1. Min hu l-karattru ewlieni tal-poeżija *Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti* ta' Ġorġ Borġ?

______________________________________________________ (marka)

2. Xi tfisser ommu għalih?

______________________________________________________ (marka)

3. X'tip ta' poeżija hi *Pitirross* ta' Victor Fenech?

_______________________________________________ (marka)

4. …………………*U waħdu jsamma' leħnu, kantaliena diq-*
*dulur, li tidwi fuq il-għolja u tinżel fil-widien titbandal qalb*
*il-friegħi bħal nieqa ta' serħien.*

Ir-rima f'dawn il-versi hi: (a) alternata ___ ; (b) interna ___ ; (ċ) imbewsa ___ . (marka)

5. X'qiegħed jistħajjel lill-qasba u liż-żrieragħ il-poeta Mario Azzopardi f' *Qasba* ?

_______________________________________________ (2 marki)

(v) AKTAR NADRIET POETIĊI (6 marki)

Agħżel poeżija minn hawn taħt u agħti taqsira tagħha. Ikteb madwar **50** kelma.

| |
|---|
| *Matul is-Snin tal-Ħajja* – Ġuże` Chetcuti; *Jekk Baħar Int Għalija* – Carmel G. Cauchi; |
| *Raqdet il-Belt* – Lilian Sciberras; *Iż-Żgħożija* – Charles Flores; *Ħabbata* – Marjanu Vella. |

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel wieħed u ikteb madwar **250** kelma fuq karta separata.

1. Kif naħsibha dwar l-għaqdiet volontarji.
2. Aħbar ħażina.
3. Attendejt għal serata ta' żfin u tgħidx kemm ħadt gost!
4. Is-siġar.
5. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-kunċerti fil-beraħ fis-sajf.
6. Id-divertiment tal-lum il-ġurnata. Djalogu bejn omm/missier u iben/bint.